# FIL-PRIM AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

**Illum it-Tnejn 3 ta' Lulju, 2023**

**Kawża Nru. 3**

**Rik. Nru. 965/2021 ISB**

**The Performing Right Society Limited** soċjeta' estera reġistrata fir-Renju Unit bin-numru ta' reġistrazzjoni 00134396 ta' Goldings House, 2 Hays Lane, Londra, SE1 2HB, Renju Unit b'indirizz Malti (PRS for Music, BusinessLabs Office Centres, Level One, Dun Karm Street, Birkirkara Bypass, Birkirkara BKR 9037)

**vs**

1. **Grand Hotel Excelsior Limited,** kumpanija reġistrata f'Malta C12837 u b'indirizz reġistrat ta' West End Buildings, 18/2, South Street, Valletta
2. **Excelsior Hotels International Limited,** kumpanija barranija reġistrata ġewwa ir-Reġjun Amministrattiv Speċjali ta' Hong Kong, ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina b'fergħa Maltija bin-numru O.C. 349 ta' 18/2 South Street Valletta, Malta

**DIGRIET MOGHTI FIL-MIFTUH GĦAR-RIKORS IMRESSAQ MIS-SOĊJETAJIET GRAND HOTEL EXCELSIOR LIMITED U EXCELSIOR HOTELS INTERNATIONAL**

# LTD SABIEX DIN IL-QORTI TORDNA L-ISFILZ TAL-PROVI KONTENUTI F'NUMRU TA' DOKUMENTI

**Il-Qorti,**

Rat ir-**rikors** tas-soċjetajiet **Grand Hotel Excelsior Limited** u **Excelsior Hotels International Ltd**, intavolat fit-23 ta' Marzu 2023 (fol 186) li permezz tiegħu talbu lil din il-Qorti sabiex

> *"...tordna l-isfilz tal-provi kontenuti f'Dok SV1, Dok SV2 (inklużi Dok SVA u SGV), u Dok SV3 bl-ispejjeż relattivi kontra s-soċjeta' rikorrenti."*

u dan ghar-ragunijiet hemmek moghtija.

Rat ir-**risposta** ta' **The Perfoming Right Society Limited** intavolata fil-21 ta' April 2023 (fol 188).

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat**

Illi permess tar-**rikors** odjern is-**soċjetajiet Grand Hotel Excelsior Limited** u **Excelsior Hotels International Ltd** qegħdin jitolbu lil din il-Qorti tordna l-isfilz tal-provi kontenuti f'Dok SV1, Dok SV2 (inklużi Dok SVA sa SGV), u Dok SV3.

Jispjegaw li waqt is-seduta tal-25 ta' Novembru 2022, ix-xhud tas-soċjeta' rikorrenti The Performing Right Society Ltd, ippreżenta filmati fuq CD (Dok SV3), liema filmati ġew miġbudin minnu stess fil-11 ta' Novembru tas-sena 2022.

Jikkontendu li l-kawża odjerna ġiet intavolata fid-29 ta' Settembru 2021 u għalhekk kull prova li tinġieb in sostenn tat-talbiet tal-istess soċjeta' għandhom ikunu biss provi relatati għall-perjodu anteċedenti d-29 ta' Settembru 2021 u mhux wara.

Jgħidu li minkejja dan, il-provi kontenuti f'Dok SV1, Dok SV2 (inklużi Dok SVA sa SGV), u Dok SV3 jirrisalu għall-perjodu illi huwa wara id-29 ta' Settembru 2021 u għalhekk mhumiex ammissibbli għaliex jaqgħu 'l barra mill-perjodu li għalih tapplika l-kawża u jeħtieġ jiġu sfilzati mill-atti tal-kawża.

Minn naħa tagħha s-soċjeta' **The Perfoming Right Society Limited** issostni li l-kawża tinsab fl-istadju tal-provi rikorrenti u għalhekk sta għar-rikorrenti li tippreżenta l-provi li jidhrilha xierqa, ladarba r-regoli proċedurali jiġu rispettati.

Jikkontendu li l-provi kontenuti fid-dokumenti in kwistjoni jirrelataw ma' xogħlijiet mużikali diversi li dwarhom ir-rikorrenti tiddetjeni ċertu drittijiet mertu tal-kawża, kif ukoll filmati meħuda fil-fond ġestit mill-intimati.

Jispjegaw li numru mit-talbiet miġjuba mis-soċjeta' rikorrenti m'humiex limitati għal xi perjodu speċifiku iżda huma ta' natura dikjaratorja li jwasslu għal dikjarazzjoni ta' ksur, kif ukoll danni jekk ikun il-każ, fir-rigward ta' ksur kontinwu ta' drittijiet tal-awtur, li għadu għaddej sal-ġurnata ta' llum, mill-intimati jew min minnhom.

Jikkontendu li prova li tixhed dwar is-sitwazzjoni preżenti hija bil-wisq relevanti u m'hemm ebda bażi li tiġi ddikjarata li m'hijiex ammissibli jew sfilzata anke għax ma jirriżultax li huwa minnu li tali provi għandhom bilfors ikunu anteċedenti l-preżentata tar-Rikors Ġuramentat.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Il-Qorti tosserva li fir-rigward tal-ammissibilita` tal-provi fil-kawżi, l-artikoli **558**, **559** u **560**(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta jgħidu testwalment hekk:

> ***558.*** *Kull prova għandha tkun rilevanti għall-kwistjoni fil-kawża bejn il-partijiet.*
>
> ***559.****Il-qorti għandha fil-każijiet kollha tordna li ssirilha l-aħjar prova li l-parti tista' ġġib.*
>
> ***560.****(1) Il-qorti għandha tiċħad li tinġieb kull prova li jidhrilha li mhix rilevanti jew li hija żejda, jew li jidhrilha li mhix l-aħjar prova li l-parti tista' ġġib.*

Jidher illi s-soċjetajiet Grand Hotel Excelsior Limited u Excelsior Hotels International Limited qegħdin isejsu t-talba tagħha fuq l-Art 560(1) tal-Kap 12. Dan qed jinghad mhux ghaliex kien espressament maghmul car fir-rikors, izda peress illi l-bazi tat-talba taghhom hija l-fatt illi d-dokumenti esebiti (filmati) ittiehdu wara li giet intavolata l-kawza, u kwindi ma humiex provi rilevanti ghall-kawza odjerna peress illi ma setghu qatt taw lok ghal din il-kawza.

F'dan ir-rigward, din il-Qorti tosserva dik li qalet din il-Qorti (diversament preseduta) fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet **Maria Camilleri vs All Invest Company Limited et** deċiza fid-19 ta' Novembru 2020 fejn il-Qorti qalet is-segwenti:

> *"Fl-ambitu ta` l-Art 560(1) tal-Kap 12, il-qorti ghandha diskrezzjoni wiesgha meta tigi biex tqis ir-rilevanza o meno ta` prova, jew meta tigi biex tara prova tkunx zejda nkella le, jew jekk prova tkunx l-ahjar wahda disponibbli nkella le.*
>
> *Bhala regola, il-mod kif qorti tezercita din id-diskrezzjoni mhuwiex sindakabbli minn qorti tat-tieni grad. (ara : Appell Inferjuri : Xuereb et vs Gauci et : 24/03/2004)."*
>
> *" ...hija tal-fehma li fl-istadju li fih tinsab il-kawza, u cioe` meta l-provi attrici ghadhom mhux konkluzi, u fejn ghad iridu jinstemghu l-provi tal-*

*konvenuti, ghandha tezercita kawtela u toqghod lura milli taghzel il-kwalita` ta` provi minn ohrajn, inkluz fejn si tratta ta` dokumenti.*

*Ghalhekk mhijiex sejra tordna l-isfilz li talab il-konvenut Catania.*

*Fl-istess waqt sejra taghmel dawn l-osservazzjonijiet li bihom ghandhom ikun gwidati l-partijiet fil-kors tal-gbir tal-provi fil-kawza tal-lum :*

*1. L-ammissibilita` tal-provi fil-kuntest tal-Art 560(1) tal-Kap 12 tinghata l-piz li timmerita, wara li jkunu tressqu l-provi tal-partijiet kollha, u wara li l-partijiet jaghmlu l-osservazzjonijiet taghhom qabel il-kawza tithalla ghas-sentenza.*

*2. L-apprezzament tal-Qorti jsir fuq provi li huma ammissibbli. Kull prova hija ammissibbli jekk tkun rilevanti ghall-fatti in kwistjoni bejn il-partijiet."*

Din il-Qorti taqbel perfettament ma' dan l-insenjament u tqis prematur u intempestiv li f'dan l-istadju tal-kawża twarrab provi dokumentarji, speċjalment fi stadju tant bikri meta s-soċjeta' rikorrenti għadha lanqas biss ikkonkludiet il-provi tagħha u l-intimati fil-kawża għad għandhom kull opportunita' li jirribattu l-istess provi.

Fl-istess waqt temfasizza li f'kawżi ta' natura ċivili japplika l-prinċipju *ei incumbit probatio qui dicit, non ei qui negat* u għalhekk jeħtieġ li kull parti jkollha l-opportunita` li tressaq il-provi li jidhrilha xierqa u relevanti, ikun imbagħad sta għall-Qorti, la darba jkollha l-provi kollha tal-partijiet quddiemha, sabiex tqis dak li hu relevanti għal vertenza li jkollha quddiemha. Dan ma jfissirx illi ma ghandhomx jigu regolati sewwa l-provi illi jitreqqsu, jew illi hemm mano libera tal-partijiet li jressqu l-provi li jidhrilhom huma anke jekk mhux ammissibbli jew rilevanti.

Il-Qorti tqis illi f'dan l-istadju pero`, il-provi mressqa jidher illi jistghu jitqiesu bhala amissibbli u l-Qorti tiddetermina jekk humiex rilevanti jew le meta tigi biex taghmel il-gudizzju finali taghha. F'dan l-istadju ma jirrizultaliex illi l-provi mressqa mhumiex ammissibbli jew rilevanti – jkun prematur illi l-Qorti tiddecedi dan f'dan l-istadju, liema decizjoni, kif jinghad qabel, tittiehed mad-decizjoni finali.

**Għaldaqstant din il-Qorti qed tiċħad t-talba tas-soċjetajiet Grand Hotel Excelsior Limited u Excelsior Hotel International Ltd kif dedotta fir-rikors tagħhom tat-23 ta' Marzu 2023.**

**Il-Qorti tirriserva li tipprovdi dwar spejjeż mad-decizjoni finali.**

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imhallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**